# In-Niċċa ta' San Nikola

Waħda mit-toroq qodma f'Ħaż-Żabbar hi Triq ix-Xgħajra li tibda minn Misraħ San Ġakbu u ftit iktar 'l isfel mid-dar b'faċċata fl-ewwel sular tal-Madonna ta' Lourdes u Santa Bernardetta.

La semmejna din it-triq, insibu li l-ewwel żewġ persuni residenti irreġistrati għall-vot, kienu żewġt irġiel – Antonio Attard u Paolo Vella* minn total ta' 120 votant Żabbari. Daż-żmien li qed nitkellmu fuqu, l-irġiel biss setgħu jivvutaw. Issa f'nofs din it-triq kien hemm niċċa ta' daqs kbir bl-istatwa tal-ġebel ta' San Nikola ta' Bari fejn fuq in-naħa tal-lemin jidher tifel iżomm tliet ħobżiet fuq tilar rettangolari. Il-qaddis jinsab liebes mitra u f'idu x-xellugija qed iżomm il-baklu (fir-ritratt li għandi jien il-baklu ma jidhirx). Ma rridux ninsew li minn ħdejn din l-istatwa sa ħdejn Triq Piju V, sas-sena 1890, Triq is-Santwarju kienet għadha kollha raba'.



Din in-niċċa kienet *landmark* li ż-Żabbarin kienu jsemmu biex jiddeskrivu l-pożizzjoni ta' xi dar jew persuna u filfatt għadek sallum tisma' persuni jsemmuha. Iżda min kien San Nikola? Hawn se nagħti ftit tagħrif fuqu għal dawk kollha li din l-istatwa qatt ma rawha b'għajnejhom jew ma jafux min kien. Meta kien żagħżugħ, Nikola sar Isqof. Bi flusu kien jgħin lill-foqra u l-batuti. Huwa ddedika ħajtu għal Alla u baqa' magħruf għall-ġenerożità tiegħu mal-fqar, l-imħabba tiegħu lejn it-tfal u l-preokkupazzjoni tiegħu lejn il-baħħara u x-xwieni.




Proprjament San Nikola ma kienx minn Bari l-Italja iżda minn Mira, belt fit-Turkija. Huwa sab ruħu f'Bari minħabba li xi baħrin serqu l-fdalijiet ta' San Nikola, Isqof ta' Mira, mill-post fejn kienu miżmuma b'tant għożża u niżlu bihom fil-port ta' Bari. Il-ġisem mirakoluż ta' San Nikola tpoġġa fil-monasteru l-antik ta' San Benedittu, fejn illum tinsab il-Knisja ta' San Michele u iktar tard f'Bażilika li nbniet apposta. B'hekk San Nikola sar il-qaddis protettur ta' Bari.

Mela nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 1991, xi persuni niżżlu din l-istatwa mill-post u sallum ma dehritx iktar. Intqal li kienet se tittieħed għar-restawr. Tgħid lest issa r-restawr wara daż-żmien kollu? Fil-verità, Ħaż-Żabbar baqa' mingħajr din l-istatwa sallum il-ġurnata.

Illum hemm misraħ bl-isem ta' San Nikola eżatt wara l-post tan-niċċa. Kien hemm il-ħsieb li tinbena kolonna jew pedestall tal-ġebel bil-qaddis li iktar minn mitt sena ilu, għadd ta' tfal Żabbarin ingħataw l-isem ta' Nikola u llum Nicole. Iżda din qatt ma saret. Tajjeb jingħad li d-dar (razzett) li t/jmiss ma' din in-niċċa ma tantx qegħda/qiegħed fi stat tajjeb. Inħoss li din/dan għandha/u t/jkun ikkonservat/a u tiġi restawrata n-niċċa u fiha titqiegħed mill-ġdid l-istatwa ta' San Nikola.

Daqs ħames snin ilu, (ara r-ritratt li ħadt fl-2005), persuna ta' kuxjenza (li nixtieq niltaqa' magħha ħalli ngħidilha grazzi), poġġiet kwadru ta' San Nikola biex tfakkar liż-Żabbarin u mhumiex,

li xi darba f'din in-niċċa kien hawn statwa ta' San Nikola li mgħadu jgawdiha ħadd għajr min ħadha. Dan il-kwadru jagħti deskrizzjoni simili ta' dak li għedt fid-deskrizzjoni tal-istatwa ta' San Nikola però fih jidhru erbat itfal fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru. Wieħed mis-subien li jidher imfarfar, ħdejn it-tfal l-oħra, qed jippreżenta lil San Nikola plattin b'kikkra fuqu. Fuq il-post stajt ninnota li fuq in-niċċa hemm salib tal-ġebel u minn ġewwa n-niċċa tidher li qed titqaxxar sew tant li jidher li n-niċċa għamlet żmien miżbugħa bl-ikħal.



Illum jien nistaqsi: *"Iva possibbli ħadd ma ra xejn jew ħadd ma tkellem meta raw din l-istatwa tinqala' u tittieħed minn fejn kienet? L-awtoritajiet ħadu xi passi?"* Permezz ta' din il-kitba, nixtieq nagħmel appell sinċier biex din l-istatwa tinġieb lura jew tal-anqas issir replika tagħha. (Idealment l-oriġinal jinżamm il-Mużew tas-Santwarju ħalli tkun protetta mill-elementi, filwaqt li r-replika ssir f'din in-niċċa. Iżda dan kollu ħolm tiegħi.) Naħseb dakinhar li l-istatwa ttieħdet minn xi persuni, dawn l-istess persuni rawhom persuni oħra. Tajjeb li min għandu xi informazzjoni fejn tinsab din l-istatwa, jinforma lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu azzjoni u nittama li l-awtoritajiet jagħmlu xi ħaġa. Mhux sew li patrimonju storiku bħal dan, jintilef mal-medda taż-żmien. Kif ħa nispjegaw lil uliedna li darba kien hemm niċċa b'San Nikola ġo fiha u llum kullma hemm, huwa kwadru li jfakkarna fih!!! Huwa veru li mill-1991 għadda ħafna żmien, iżda qatt mhu tard li jekk sar żball u l-istatwa ttieħdet, l-iżball jitranġa billi ssir statwa oħra jew tinġieb lura mingħand min qegħda. In-niċeċ li nsibu f'pajjiżna (inkluż Ħaż-Żabbar) rridu nibżgħu għalihom. Dawn huma patrimonju li mgħandniex inħalluh jintilef.



***Malcolm Schembri***

Referenza: *Gazzetta tal-Gvern ta' Malta,* 23 ta' Ġunju 1883, p.126.

*Ħajr lil Paul Xuereb li silifni l-ħin biex qgħadt nitkellem miegħu fuq din in-niċċa. Paul għandu għal qalbu l-istorja u jħobb ħafna jagħmel riċerka li dehret ippubblikata f'diversi rivisti u kotba u saħansitra gazzetti.*

*Dawk kollha interessati li jippubblikaw xi ritratti f'dan il-ktieb. huma mitluba jkellmu lill-Editur. Grazzi*